Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M. 10309 — Castik/Abry/Xexec)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 256/06)

1. Fil-21 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Castik Capital S.à r.l. ("Castik", il-Lussemburgu),

— Abry Partners II LLC ("Abry", l-Istati Uniti tal-Amerka), u,

— Xexec Limited ("Xexec", ir-Renju Unit).

Castik u Abry jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Xexec kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Castik: kumpanija ta' investiment li tiffoka fuq l-identifikazzjoni u l-iżvilupp ta' opportunitajiet ta' investiment madwar l-Ewropa.

— Abry: ditta ta' ekwità privata li tiġġestixxi fondi li jinvestu f'firxa wiesgħa ta' negozji li jiffokaw fuq il-media, il-komunikazzjonijiet u s-servizzi ta' informazzjoni.

— Xexec: kumpanija attiva fis-settur tat-teknoloġija tal-inkarigu tal-impjegati u tipprovdi servizzi korporattivi mħallsa minn qabel u t-tfassil u l-ġestjoni ta' soluzzjonijiet relatati mal-benefiċċji tal-impjegati, il-ġestjoni tal-ispejjeż, il-premju tal-inċentivi u l-ġestjoni ta' programmi soċjali pubbliċi. Xexec tipprovdi soluzzjonijiet ta' involviment tal-impjegati u ta' lealtà tal-klijenti li joffru sett ta' skontijiet u soluzzjonijiet ta' premju u rikonoxximent tal-impjegati, flimkien ma' biljetti interni u concierge tal-ivvjaġġar.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M. 10309 — Castik/Abry/Xexec

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË